III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 83/15/COL

tat-18 ta' Marzu 2015

dwar il-konsistenza ta' ċerti miri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni fl-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza [2016/1418]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi f'punt 66t tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew ("ir-Regolament Qafas") ([1]), kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3)(c) tiegħu, u

Billi:

(1) Skont ir-Regolament Qafas, ir-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") għandu jadotta il-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ("FAB"), inklużi l-miri nazzjonali vinkolanti jew il-miri fil-livell tal-FABs, filwaqt li jiżguraw konsistenza mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Dak ir-Regolament jistipula wkoll li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") għanda tevalwa l-konsistenza ta dawk il-miri abbażi tal-kriterji tal-valutazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 11(6) tiegħu, u li l-Awtorità tista' tiddeċiedi li toħroġ rakkomandazzjonijiet f'każ li tidentifika li dawk il-kriterji ma ntlaħqux. Regoli dettaljati f'dan ir-rigward ġew stabbiliti f'punt 66xf tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 ([2])) ("ir-Regolament tal-Prestazzjoni") kif addatat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu.

(2) Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza għat-tieni perjodu ta' referenza (2015-2019) ġew adottati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE ([3]) u inkorporati taħt punt 66xe tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE.

(3) In-Norveġja ssottomettiet il-pjanijiet ta' prestazzjoni fil-livell tal-FAB lill-Awtorità, flimkien ma' Stati oħra li jagħmlu parti mill-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali tal-Ewropa tat-Tramuntana ("NEFAB"), permezz ta' ittra datata s-17 ta' Lulju 2014 (Id-Dokument Nru 716241). Sussegwentement, il-pjan ġie mmodifikat b'rettifika, l-aktar waħda reċenti datata l-14 ta' Novembru 2014. Għall-valutazzjoni tagħha, l-Awtorità bbażat ruħha fuq l-aktar informazzjoni reċenti ppreżentata.

(4) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, li assista lill-Awtorità fil-vaultazzjoni tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Prestazzjoni, ippreżenta l-ewwel rapport ta' valutazzjoni

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk (ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE tal-11 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-livelli limiti ta' twissija għat-tieni perjodu ta' referenza mill-2015 sal-2019 (ĠU L 71, 12.3.2014, p. 20).

lill-Awtorità fis-7 ta' Ottubru 2014 u verżjoni aġġornata ta' dak ir-rapport fil-15 ta' Diċembru 2014. L-Awtorità rċeviet ukoll mingħand il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, rapporti bbażati fuq informazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali dwar il-monitoraġġ tal-pjanijiet u tal-miri ta' prestazzjoni ppreżentati skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament tal-Prestazzjoni.

(5) Fir-rigward tal-qasam ta' prestazzjoni ewlieni tas-sikurezza, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri ppreżentati min-Norveġja fir-rigward tal-Istati NEFAB dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza u l-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità fuq il-bażi tal-metodoloġija tal-Għodda għall-Analiżi tar-Riskju ("RAT"), skont il-prinċipji stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Prestazzjoni. Din il-valutazzjoni wriet li l-miri ppreżentati min-Norveġja, fir-rigward ta' NEFAB, huma konsistenti mal-mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha.

(6) Dwar il-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità dwar l-ambjent, ġiet vvalutata il-konsistenza tal-miri mibgħuta min-Norveġja, fir-rigward tal-Istati NEFAB skont il-prinċipji stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Prestazzjoni. Il-valutazzjoni tuża l-valuri ta' referenza għall-kapaċità tal-FABs rispettivi tagħhom għall-effiċjenza ta' titjira *en route* orizzontali tat-trajettorja effettiva li, meta jiġu applikati, jiżguraw li fil-livell tal-Unjoni tintlaħaq il-mira ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, ikkalkulata mill-Maniġer tan-Netwerk u stabbilita fil-Pjan Operattiv tan-Netwerk (2014-2018/2019) fl-aktar verżjoni reċenti tiegħu ta' Ġunju 2014 ("Pjan Operattiv tan-Netwerk").. Dik il-valutazzjoni wriet li l-miri ppreżentati min-Norveġja, fir-rigward tan-NEFAB, huma konsistenti mal-mira ta' prestazzjoni rilevanti għall-Unjoni Ewropea kollha.

(7) Dwar il-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mibgħuta min-Norveġja, fir-rigward tal-Istati NEFAB, għad-dewmien tal-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru ("ATFM") *en route*, skont il-prinċipju stabbilit fil-punt 4 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Iskema ta' Prestazzjoni bl-użu tal-valuri ta' referenza għall-kapaċità tal-FABs rispettivi tagħhom, li meta jiġu applikati, jiżguraw li fil-livell tal-Unjoni tintlaħaq il-mira tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha, ikkalkulati mill-Maniġer tan-Netwerk u kif stabbilit flil-Pjan Operattiv tan-Netwerk. Dik il-valutazzjoni uriet li l-miri ppreżentati min-Norveġja, fir-rigward tan-NEFAB, huma konsistenti mal-mira ta' prestazzjoni rilevanti għall-Unjoni Ewropea kollha.

(8) Fir-rigward tal-qasam ta' prestazzjoni ewlieni tal-kosteffiċjenza, ġew ivvalutati l-miri espressi fi spejjeż iddeterminati għal kull unità *en route* mibgħuta min-Norveġja fir-rigward tal-Istati tan-NEFAB, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-punt 5, flimkien mal-punt 1, tal-Anness IV tar-Regolament tal-Prestazzjoni billi tqieset ix-xejra tal-ispejjeż iddeterminati għal kull unità *en route* tul it-tieni perjodu ta' referenza u l-perjodu kkombinat tal-ewwel u t-tieni perjodu ta' referenza (2012-2019), in-numru ta' unitajiet ta' servizz (il-previżjoni tat-traffiku) u l-livell ta' spejjeż iddeterminati għal kull unità *en route* b'paragun mal-Istati li jkollhom ambjent operattiv u ekonomiku simili. Dik il-valutazzjoni wriet li l-miri ppreżentati min-Norveġja, fir-rigward tan-NEFAB, huma konsistenti mal-mira ta' prestazzjoni rilevanti għall-Unjoni Ewropea kollha.

(9) Għalhekk, l-Awtorità tqis li l-miri inklużi fil-pjanijiet ta' prestazzjoni mfassla min-Norveġja, b'rabta man-NEFAB, huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea fl-erba' oqsma ta' prestazzjoni ewlenin.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri inklużi fil-pjanijiet ta' prestazzjoni ppreżentati min-Norveġja fir-rigward tan-NEFAB skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, elenkati fl-Anness, huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza, stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/132/UE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Norveġja.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2015.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Oda Helen SLETNES	Helga JÓNSDÓTTIR
Il-President	*Membru tal-Kulleġġ*

ANNESS

Il-miri tal-prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, tal-kapaċità u l-kosteffiċjenza inklużi fil-pjanijiet nazzjonali jew fil-pjanijiet tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali mibgħuta skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 li nstabu li mhumiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza

QASAM TA' PRESTAZZJONI EWLIENI TAS-SIKUREZZA

L-effettività tal-Ġestjoni tas-Sikurezza (EOSM) u l-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità bbażata fuq il-metodoloġija tal-Għodda għall-Analiżi tar-Riskju (RAT)

Stat tal-EFTA	FAB	EOSM			Livell tal-ISTAT tal-Art tar-RAT %						Livell ANSP Ġenerali tar-RAT %					
		Livell ta' Stat	Livell ANSP		2017			2019			2017			2019		
			SC	MO oħrajn	SMI	RI	ATMS	SMI	RI's	ATMS	SMI	RI's	ATMS	SMI	RI's	ATMS
In-Norveġja	NEFAB	C	C	D	90	90	80	100	100	100	95	95	85	100	100	100
[Il-Finlandja]																
[Il-Latvja]																
[L-Estonja]																

QASAM TA' PRESTAZZJONI EWLIENI TAL-AMBJENT

L-effiċjenza ta' titjira orizzontali *en route* tat-trajettorja effettiva

Stat tal-EFTA	FAB	MIRA tal-FAB tal-AMBJENT
		2019
In-Norveġja	NEFAB	1,22 %
[Il-Finlandja]		
[Il-Latvja]		
[L-Estonja]		

QASAM TA' PRESTAZZJONI EWLIENI TA' KAPAĊITÀ

Dewmien fil-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (AFTM) *en route* f'min/titjira

Stat tal-EFTA	FAB	MIRA tal-FAB tal-kapaċità En-Route				
		2015	2016	2017	2018	2019
In-Norveġja	NEFAB	0,12	0,12	0,13	0,13	0,13
[Il-Finlandja]						
[Il-Latvja]						
[L-Estonja]						

QASAM EWLIENI TA' PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Spjega:

Tifsira	Partita	Unitajiet
(A)	Total ta' Spejjeż Iddeterminati En route	(f'termini nominali u fil-munita nazzjonali)
(B)	Rata tal-inflazzjoni	(%)
(C)	Indiċi tal-inflazzjoni	(100 = 2009)
(D)	Total ta' Spejjeż Iddeterminati En route	(f'termini ta' prezzijiet reali tal-2009 u fil-munita nazzjonali)
(E)	Total ta' Unitajiet tas-Servizzi En-route	(TSUs)
(F)	Spiża Iddeterminata għal Kull Unità En-route (DUC)	(f'termini ta' prezzijiet reali tal-2009 u fil-munita nazzjonali)

NEFAB

Żona tal-Imposti: In-Norveġja — Munita: NOK

	2015	2016	2017	2018	2019
(A)	1 006 927 248	1 032 667 449	1 051 204 724	1 064 624 439	1 073 048 403
(B)	1,6 %	1,7 %	2,1 %	2,5 %	2,5 %
(C)	109,5	111,4	113,7	116,6	119,5
(D)	919 164 836	926 904 186	924 136 061	913 105 964	897 883 922
(E)	2 287 878	2 367 954	2 438 992	2 499 967	2 549 966
(F)	401,75	391,44	378,90	365,25	352,12